Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 162/2016

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

John Mary Vella

Illum 14 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat John Mary Vella detenur tal-karta tal-identita' 103563 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-27 ta' Settembru 2015 06:15 PM bil-vettura EF58LDE ġewwa AVJAZZJONI VJAL L-,LUQA

[1] Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1))

[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 3))

[3] Ghamilt uzu jew bhala l-persuna li importajt jew gibt f`Malta, vettura bil-mutur li kienet importata jew migjuba f`Malta minn persuna residenti f`Malta, li ghandha r-residenza normali taghha f`Malta jew li ghandha l-post principali tan-negozju taghha f`Malta, inqast li tara li l-imsemmija vettura

uzata, kienet rregistrata mal-Awtorita ghat-Trasport f`Malta fiz-zmien tletin jum minn meta l-imsemmija vettura tkun waslet f`Malta, kif mitlub mil-ligi (Kap 368 Artiklu 4, L.S. 368.02 Art 6(1)(2))

[4] Ghamilt uzu minn vettura bil-mutur minghajr marka ta` registrazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta (LS 368.02 Artiklu 30 (5))

[5] Ghamilt uzu minn pjanci `Trial Run` u ksirt il-kundizzjonijiet li hemm imposti fuqhom, meta dawn gew uzati fi Hdud u festi pubblici minghajr permess mill-Awtorita (L.S. 368.02 Artiklu 36 (8))

[6] Kellek fil-pussess tieghek, jew taht ir-risponsabbilta tieghek, vettura li ma gietx rregistrata ma l-Awtorita ghat-Transport f`Malta. (L.S. 368.02 Artiklu 3)

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta'Marzu, 2016, fejn il-Qorti peress li ma ngabietx prova dwar meta l-vettura ddahlet Malta;

Filwaqt li jirrizulta illi l-akkuzat saq bit-`trial run plates` il-Hadd u dana ma setghax jaghmilha

Tilliberah mill-akkużi numri wieħed[1],tnejn[2],tlieta[3],ħamsa[5],sitta[6] u ssibu ħati tal-akkuża numru erbgħa[4] u

Timmultah multa komplessiva ta` €150.00

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara li s-sentenza hija nulla

għar-raġunijiet imsemmija f'dan l-appell u tipproċedi biex tiddeċiedi dwar l-andament tal-proċeduri skond il-liġi u għall-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fil-hmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom hekk kif se jiġi spjegat fir-rikors t'appell;

Illi jigi rilevat illi fil-proceduri odjerni l-akkuzat *qua* appellat John Mary Vella tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat b`sitt (6) imputazzjonijiet, li jikkoncernaw ksur ta' diversi disposizjonijiet tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ikkonkludiet:

> Semghet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti kif indikat
> fil-verbal tas-seduta/i.
>
> Peress li ma ngabietx prova dwar meta l-vettura ddahlet
> Malta;
>
> Filwaqt li jirrizulta illi l-akkuzat saq bit-'trial run plates'
> il-Hadd u dana ma setghax jaghmilha;

Tilliberah mill-akkuzi numri wiehed {1}, tnejn [2], tlieta [3], hamsa [5], sitta [6] u ssibu hati tal-akkuza numru erbgha [4] u

Timmultah multa komplessiva ta` €150.00

Illi l-imputazzjoni li tikkoncerna l-uzu minn pjanci 'Trial Run' fi Hdud u festi pubblici minghajr permess mill-Awtorita` hija l-akkuza numru hamsa (5) mentri l-Qorti fis-sentenza taghha sabitu hati fuq l-akkuza numru erbgha (4). Illi dan jigi ikkonfermat ukoll mill-fatt li fuq il-komparixxi jidher car li l-Qorti riedet issib htija fuq l-akkuza numru hamsa (5) izda ghal xi raguni mhux nota lill-esponent din inbidlet u fis-sentenza tinstab htija fuq l-akkuza numru erbgha (4).

Illi jekk l-intendiment tal-Qorti tal-Magistrati kienet li tinstab htija fuq l-akkuza numru hamsa (5) allura bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha wkoll issib htija fuq l-akkuza numru wiehed (1). L-akkuzat qua appellat twaqqaf mill-Pulizija l-Hadd 27 ta` Settembru 2015 fejn huwa kien qed jaghmel uzu milll-pjanci tat-`Trial Run` u ghalhekk a bazi tal-akkuza numru hamsa (5) huwa ma seta qatt juza tali pjanci fi Hdud u festi pubblici minghajr permess mill-Aworita`. Dan ghalhekk ifisser li fit-tali gurnata (il-Hadd 27 ta` Settembru 2015) l-akkuzat qua appellat kien qed isuq vettura minghajr polza ta` assikuarzzjoni hekk kif indikat fl-ewwel (1) akkuza minhabba l-fatt li l-polza tat-`Trial Run` kienet tkopri **biss** lill-istess John Mary Vella fil-granet permessi mill-Ligi li jeskludu l-Hdud u l-festi pubblici.

Illi għaldaqstant l-esponent jirrileva li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hawn fuq imsemmija hija **nulla u bla effett** stante li a bazi tal-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi inoltre l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset ukoll milli ssemi l-artikolu/i li l-akkuzat qua appellat kien qed jintsab hati taghhom fis-sentenza. Dan il-fattur wahdu, abbazi tal-Artikolu 382 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, jgib in-nullita tas-sentenza fuq surreferita.

Ikkunsidrat,
Illi l-Avukat Generali preliminarjament jecepixxi n-nullita tas-sentenza appellata u dana ghal zewg ragunijiet. Jilmenta illi mill-motivazzjonijiet imfissra fis-sentenza impunjata ghandu jirrizulta illi l-Ewwel Qorti riedet issib htija ghall-hames imputazzjoni u cioe' ghal vjolazzjoni tar-regolament 36(8) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, izda minflok gie deciz illi kienet tirrizulta ir-reita' ghar-raba imputazzjoni u cioe' ghar-reat indikat fir-regolament 30(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02. Illi din id-diffikulta hija accentwata mill-fatt illi l-Ewwel Qorti lanqas tindika id-disposizzjoni tal-ligi li tahtha qed issib htija biex b'hekk fil-fehma tal-Avukat Generali lanqas gew osservati id-dettami ta'l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa minn ezami ta'l-atti processwali din il-Qorti osservat illi hemm zewg sentenzi fl-atti u cioe' dik miktuba mill-gudikant *di proprio pugno* u imbaghad dik dattilografata ukoll iffirmata mill-gudikant. Bejn dawn iz-zewg sentenzi hemm diskrepanza fis-sens illi f'dik fejn hemm n-notamenti tal-gudikant fuq il-komparixxi l-Qorti illiberat lill-appellat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u is-sitt akkuzi u sabet htija ghall hames imputazzjoni fejn l-appellat kien qed jigi akkuzat li ghamel uzu minn pjanci "Trial Run" u li

kiser il-kundizzjonijiet li hemm imposti fuqhom, meta dawn gew uzati fi Hdud u festi pubblici minghajr il-permess ta'l-Awtorita', meta imbaghad fis-sentenza dattilografata l-appellat gie illiberat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u is-sitt akkuza u instabet htija ghar-raba imputazzjoni u cioe' illi ghamel uzu minn vettura bil-mutur minghajr marka ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. B'hekk fl-atti hemm zewg sentenzi fejn id-*decide* huwa differenti u di piu, kif gustament jilmenta l-Avukat Generali l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika dik id-disposizzjoni tal-ligi li dwarha kienet qed tinstab htija biex b'hekk huwa iktar difficli ghal din il-Qorti tara liema minn dawn iz-zewg sentenzi hija dik li effettivament giet ippronunzjata mill-Ewwel Qorti.

Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena <u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat</u>."**

Illi ghalkemm din id-disposizzjoni tal-ligi ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata, izda l-qorti ghandha issegwi dak stipulat fil-ligi *ad validitatem.* Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi l-vot tal-ligi ma huwiex sodisfatt fid-decizjoni impunjata u ghalhekk l-Qorti ma tistax hlief tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali u, wara li semghet il-provi mill-gdid u rat l-affidavits esebieti, ser tghaddi biex terga' tiddeciedi l-kawza fil-mertu.

Issa l-fattispecje ta' dan il-kaz huma piuttost semplici u ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwarhom bejn il-partijiet. L-appellat gie imwaqqaf mill-pulizija meta fil-gurnata tal-Hadd 27 ta' Settembru 2015 ghal habta tas-sitta u kwart ta' fil-ghaxija kien qieghed isuq van Ford Transit bil-pjanci ta' registrazzjoni Inglizi EF58 LDE, liema vettura kellha fuq il-*windscreen* ukoll pjanca "*Trial Run*" bin-numru 235. Issa mix-xhieda ta' Stephen Cachia rapprezentant tal-Awtorita dwar it-Trasport jidher illi dan in-numru ighajjat lil Tony Vella numru tal-karta ta'l-identita 103563(M) ghan-nom ta' Vella Commercials ta' Hal Qormi. Dan id-*dealer* ghandu il-permess tat-*trial number* 235.

Issa r-regolament 6(7) tal-Legislazzjoni sussidjarja 368.02 jistipula illi:
***"Vettura bil-mutur użata li tkun ġiet importata jew li tkun inġiebet f'Malta tista' tiġi użata biss fit-triq, qabel ma tiġi reġistrata mill-Awtorità, mill-port fejn tkun daħlet sal-post fejn tkun se tiġi garaxxjata sakemm tiġi reġistrata u tingħata liċenza, u lejn u minn garaxx fejn ikunu jistgħu jsirulha tiswijiet jekk dik il-vettura, meta ssirilha spezzjoni, ma tgħaddix mit-test li hi tajba għat-triq, jekk dik il-vettura jkollha reġistrazzjoni valida u jkollha mwaħħla pjanċa ta' reġistrazzjoni maħruġa fil-pajjiż fejn kienet reġistrata qabel u tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Dik il-vettura tkun tista' tinsaq ukoll jekk ikollha pjanċa 'Trial Run' skont ir-regolament 36."***

Mela jirrizulta illil-vettura mertu ta' dan il-kaz kienet giet importata mill-Ingilterra u dan ghaliex jidher li kellha tarka ta' registrazzjoni ingliza u l-appellat stess jikkonferma dan il-fatt lill-pulizija. Dan jixhduh il-PC121 u l-PC1256 li waqqfu lill-appellat. Jidher illi l-appellat dak in-nhar kien jinsab bil-vettura fit-triq billi kif ighid hu stess lill-pulizija kien ghadu kemm gabar lit-tifla mix-xoghol u ghalhekk ma tezisti l-ebda wahda mic-cirkostanzi ravvizati fir-regolament su-iccitat. Lanqas ma jidher illi l-appellat kellu diska ta' licenzja temporanja mal-vettura kif jistipula r-regolament 6A. Issa r-regolament 36 dwar l-pjanci tat-**Trial Run** jiddisponi hekk:

(1)"***L-Awtorità tista' toħroġ, lil negozjanti awtorizzati, pjanċi 'Trial Run ', għal perjodu ta' sena, għal vetturi bil-mutur li jkunu għadhom ma ġewx reġistrati u ma jkunux għadhom ngħataw liċenza, mal-ħlas lill-Awtorità ta' dritt ta' ħamsin euro (€50) u tiġi ppreżentata l-liċenza biex persuna tagħmilha ta' negozjant maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.***"

***(3)"Għandhom jintużaw żewġ pjanċi 'Trial Run', waħda fuq quddiem tal-vettura u l-oħra fuq in-naħa ta' wara tal-vettura."***

***"(7) Pjanċi 'Trial Run' ma għandhomx jintużaw ħlief għal traġitt bi prova jew għal skopijiet ta' ttestjar."***

***"(8) Pjanċi 'Trial Run' ma għandhomx jintużaw fil-Ħdud jew festi pubbliċi jekk mhux awtorizzati b'mod speċjali mill-Awtorita."***

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn ghaliex minn qari ta' dawn ir-regoalmenti ghandu jirrizulta illi l-appellat ma setax isuq il-vettura tieghu importata mill-Ingilterra bi pjanca wahda "*Trial Run*" u mhux tnejn kif indikat fis-sub-regolament 3, meta di piu' ma kienx qed isuqha ghal skopijiet ta' testjar jew wiri fit-termini tas-sub-regolament 7 u ukoll kien jinsab isuqha fit-triq fil-gurnata tal-Hadd u dan bi ksur ta' dak dispost fis-sub-regolament 8. Dan ifisser allura illi l-appellat kien qed isuq vettura bil-mutur meta din ma kenitx licenzjata u allura konsegwentement meta din ma kellhiex polza ta' assikurazzjoni mahruga skont il-ligi, liema presunzjoni hija stabbilita billi l-appellat ma ressaqx prova ghal kuntrarju u dan fit-termini tal-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi di piu l-akkuzi numri erba u hamsa huma ukoll ippruvati billi kif inghad il-vettura instaqet minghajr pjanci ta' registrazzjoni skont il-ligi u bi pjanca *Trial Run* meta is-sewwieq ma kienx awtorizzat jaghmel uzu minnhom fil-gurnata tal-Hadd.

Magħdud dan madanakollu l-akkuża numru tlieta u sitta ma jirriżultawx ippruvati billi ma tressqet l-ebda prova fir-rigward tar-reġistrazzjoni o meno tal-vettura mertu tal-każ kif trid il-liġi.

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-liġi għar-raġunijiet hawn fuq miġjuba tgħaddi biex wara li rat l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 65(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u ir-regolamenti 30(5) u 36(8) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-appellat mit-tielet u is-sitt imputazzjonijiet, issibu ħati tal-kumplament ta'l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah multa ta' €2700. Inoltre wara li rat l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta tiskwalifika lill-appellat John Mary Vella milli ikollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mil-lum.

(ft) Edwina Grima
Imħallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Reġistratur